MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 372/2005

**Fl-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni numru 479/04 fl-ismijiet:**

**Baldacchino Woodworks Limited**

**vs**

**J.J.S. Developers Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ppresentat fl-22 ta' April, 2005, mis-socjeta' J.J.S. Developers Limited li in forza taghha, wara li esponiet illi:

Is-socjeta' *Baldacchino Woodworks Limited* ottjeniet l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta' hawn rikorrenti ghall-ammont ta' mija u sitt t'elef u mija u hamsa u tmenin il-lira Maltija (Lm106,185), b'liema l-esponent gie

inibiet milli jnehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu onerus jew gratuitu xi proprjeta' u *in partikolari* l-proprjeta' indikata fl-atti ta' dak il-mandat;

L-esponent fost proprjeta' ohra huwa proprjetarju f'nofs sehem indiviz tal-*plots* murija fuq l-annessa pjanta kuluriti bl-isfar fil-limiti ta' *Imdina Road*, kantuniera ma' *Triq ic-Cawsli, Qormi*. Illi l-istess proprjeta' giet valutata mill-perit arkitett Karmenu Vella A & CE bhala li tiswa Lm400,000 u ghalhekk sehem l-esponent mill-istess huwa tal-valur ta' Lm200,000, u ghal dan il-fini l-esponent qieghed jesibixxi kopja tal-istima relattiva maghmula mill-istess perit;

Ghalhekk huwa evidenti li mandat fuq dawn il-*plots* appartenti lill-esponent jkun sufficjenti biex jikkawtela l-interess tas-socjeta' *Baldacchino Woodworks Limited* fuq il-mandat fl-ismijiet premessi kif ukoll l-interess tas-socjeta' *Olive Garden Investments Limited* li ukoll ghamlet mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta' hawn esponenti *in kawtela* ta' kreditu iehor minnha pretiz ta' Lm21,018.33;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li l-effett tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi jigi limitat u ristrett ghall-proprjeta' deskritta fl-anness rapport tal-perit Karmenu Vella, u li joghgobha din il-Qorti tirrevoka l-istess mandat *in kwantu* jirrigwarda l-bqija tal-proprjeta' tal-intimat, u f'dan is-sens tordna l-hrug tar-relattiv kontromandat.

Rat ir-risposta tas-socjeta' *Baldacchino Woodworks Limited* li *in forza* taghha wiegbet illi:

1. Is-socjeta' esponenti m'ghandha l-ebda interess tivvessa lis-socjeta' *J.J.S. Developers Limited* billi torbot proprjeta' ta' l-istess socjeta' aktar milli hemm bzonn sabiex tikkawtela l-interessi taghha.

2. Ghalhekk ma ssib l-ebda oggezzjoni li t-talba tas-socjeta' *J.J.S. Developers Limited* tigi milqugha, basta li l-proprjeta' rimanenti tkun bizzejjed sabiex jigu salvagwardati l-kreditu, l-interessi relattivi u l-ispejjez tas-socjeta' esponenti.

*3.* Ghal dan il-ghan is-socjeta' *J.J.S. Developers Ltd* ghandha titlob lil din l-Onorabbli Qorti li tinnomina espert indipendenti u mhux tistrieh fuq ir-rapport tal-Perit Karmenu Vella li ghandu interess fil-materja billi huwa proprjetarju ta' kwart indiviz (1/4) mill-art *de quo.*

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghad-decisjoni *in camera*;

Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta' intimata ghandha pretensjoni ghal-Lm106,185 kontra s-socjeta' rikorrenti, u *in kawtela* ta' din il-pretensjoni s-socjeta' intimata talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 479/04, li bis-sahha tieghu s-socjeta' rikorrenti giet inibita milli tbiegh, tittrasferixxi jew tiddisponi, sew b'titolu onerus jew gratwitu, l-proprjeta' immobbli indikata fl-istess mandat. B'dawn il-proceduri, is-socjeta' rikorrenti qed titlob li tillimita l-effetti ta' dak il-mandat ghall-proprjeta' partikolari, u *cioe'*, hames *plots* go *Mdina road,* kantuniera ma' *Triq ic-Cawsli, Qormi*. Dawn il-*plots* gew stmati mill-perit Karmenu Vella fl-ammont ta' Lm400,000, u peress li s-socjeta' rikorrenti ghandha nofs indiviz ta' dawn il-*plots*, is-socjeta' rikorrenti qed tofri nofs il-valur ta' din il-proprjeta' (Lm200,000) bhala garanzija. Is-socjeta' intimata ezaminat ir-ricerki relattivi ghal-art *in kwistjoni*, kienet sodisfatta, u accettat ukoll l-istima tal-*plots* kif sottomessa mill-Perit Vella.

Il-Qorti wara li semghet lid-difensuri u ezaminat l-atti tal-kawza, tqies li t-talba tas-socjeta' rikorrenti hi gustifikata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tordna li l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 479/04 jkunu limitati u ristretti ghall-hames *plots* f'*Mdina road*, kantuniera ma'

*Triq ic-Cawsli, Qormi* (markati bin-numri 1 sa 5 fuq il-pjanta annessa mar-rikors promotorju), u konsegwentement tirrevoka l-mandat *in kwantu* jolqot il-bqija tal-proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjes, fic-cirkustanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------